Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 50

It- Tnejn,6 ta' Frar 2023

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-15.16pm

**50.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

50.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta'apoloġija.

**50.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

50.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tad- Disa'u Erbgħin laqgħa. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

50.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**50.3 Komunikazzjoni tas- Sindku**

50.3.1 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li hemm xi ċangaturi fil-pavimentar ġewwa l- Mdina li għandhom bzonn jiġu rranġati u b'hekk jiġu evitati xi inċidenti.

50.3.2 Is- Sindku nfurma lill- Kunsill li kellu laqgħa mal-Kuratur tal- Malta Maritime Museum fejn ġie diskuss il-possibilita' ta kooperazzjoni mal-Kunsill u ftehmu li għandha tintbgħat proposta għal kunsiderazzjoni tal- Kunsill.

50.3.3 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li huma kellu laqgħa mal-perit ta' l-Arċikonfraternita' ta' San Guzepp fejn infurmah skond kif ddeċieda l-Kunsill li bħala soċjeta biex ikunu jistgħu jaħarqu in-nar minn fuq Gomorino Bridge għal festa ta' San Guzepp hemm bzonn li jġibu in- no objection mingħand id- Dipartiment għax- Xogħolijiet Pubbliċi hekk kif għadu kif saru xi xogħolijiet fuq il-pont min-naħa tad- dipartiment fejn ntefqu l-fuq minn € 500,000.

50.3.4 Is- Sindku nfurma lill- Kunsill li l-permess mill-ERA biex ikun jista jsir intervent fuq is-sigra li qed tgħati għal fuq1 il-foss nħareġ.

50.3.4. Is- Sindku talab lis- SE biex jingħat reminder lid- Direttur Ġenerali tal- Kunsill Lokali biex kemm jista' jkun malajr it- talba li saret mill-Kunsill biex il-ħlas għad- dħul ġewwa l-Mdina tizdied.

**50.4 Rapport Finanzjarju Tlett Xhur- Ottubru sa Diċembru 2022**

50.4.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra rapporti finanzjarji għat- tlett xhur minn Ottubru sa Diċmbru 2022. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is- SE ta xi spjegazzjonijiet u rrispoda xi mistoqsijiet tal-Kunsill.

50.4.2 Fuq proposta tal-Kunsilliera Mary Ann Sultana li kienet ssekondata mill- Kunsilliera Camille Scerri, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

**50.5 Rapport Finanzjarju Annwali 2022- Approvazzjoni**

50.5.1 Ir-Rapport Finanzjarju għas-sena 2022 tqiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill (mehmuz). Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Prezenti kien hemm l-accountant tal-Kunsill

50.5.2 Ingħatat spjegazzjoni mill-accountant tal-Kunsill fuq dan id-dokument u s- Sindku ippropona l-approvazzjoni tiegħu.

49.5.3 Ir-rapport finanzjarju għas-sena 2022 ġie approvat unanimament

**50.6 Torre Dello Standardo- Sub Leasing lil Reġjun Punent**

50.6.1 Is- Sindku fakkar li s-sena l-oħra il- Kunsill kien qabel mal-kunċett li t- Torre dello Standardo jinkera lir- Reġjun Punent biex tintuza bħala s-sede tiegħu bil-patt li jiġi rinnovat u jsir il-manutenzjoni meħtieġa ta' l-istess propjeta' u titħallas il-kera dovuta lil Awtorita ta' L-Artijiet. Sadanittant huwa infurma lil Kunsill li d-devoluzzjoni tat- Torre dello Standardo u Gnien s-Sindku gie mġedded għal ħmistax (15) l-sena li ġejjin. Għaldaqstant is- Sindku poġġa fuq il-mejda tal-kamra (anness) kopja tal-ħlasijiet li ser jagħmlu ir- Reġjun tal-Punent lil Kunsill matul dan iz-zmien għal approvazzjoni tal-Kunsill.

50.6.1.1 Il-Kunsill approva unanimament il-kirjiet kull sena skond kif miftehma mar- Reġjun.

**50.7 Torre dello Standardo- Sub Leasing lil Reġjun Punent**

50.7.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra draft ftehim li suppost kellu jiġi ffirmat fl-2020 ma' l-Awtorita tat- Turizmu biex jkun jista' jinkera mingħajr ħlas biex uffiċċju li jinsab f'din il-propjeta' jintuza bħala Uffiċċju tat- Turizmu

50.7.1.1 Is- SE infurma lil Kunsill li sa llum l-Awtorita lanqas biss avviċinat lil Kunsill biex dan il-ftehim jiġi ffirmat. Huwa fakkar li f'Ottubru tas- sena 2022 kien bgħat jinfurma lil awtorita' biex jersqu għal dan l-iffirmar tal-kuntratt jew nkella jingħataw iċ-ċwievet lura.

50.7.1.2 Il-Kunsill vvota b' mod unanimu li bħala Kunsill għandna nkellmu lil avukat biex jiktbilhom b'mod formali u jagħtuna risposta ta' x'ser jagħmlu huma b'dan l-uffiċċju.

**50.8 Sejħa għal- Offerti" Servizz ta Perit"- Bord ta' Evalwazzjoni**

50.8.1 Is- SE infurma lil Kunsill li hekk kif għalqet s-sejħa għal dawk interessati li jitfaw l-offerta tagħhom għal servizz ta' perit mal-Kunsill Mdina, huwa talab li jiġi ffurmat Bord ta' Evalwazzjoni.

50.8.2 Il-Bord ser ikun kompost mis- Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera C. Scerri bħala Membru tal-Bord, Ċermen ser ikun il-Kunsillier A. Barbaro Sant u bħala Segretarju tal-Bord M. Mallia.

**50.9 Kwotazzjonijiet Contracts Manager- Aġġudikazzjoni**

50.9.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra tlett kwotazzjonijiet li rċieva biex jingħata dan is-servizz fejn il-kunsill ġie nfurmat li l-orħos offerta kienet ta' Raphael Carabott li tammonta għas-somma ta' € 4922.00 għal sena.

50.9.2 Il-Kunsill approva.

**50.10 Ftehim ta' devoluzzjoni ta' Gomorino Bridge lil Kunsill**

50.10.1Is- SE poġġa fuq il-mejda kopja tal-Kuntratt (draft) mibgħut mid- Dipartiment għax-Xogħolijiet lil Kunsill fejn hemm inkluz li issa li tlestew x-xogħolijiet fejn intefqu 'l fuq minn €500,000 r-responsabbilta ta' dan il-bridge ser tgħaddi f'idejn il-Kunsill. Dan id-draft kien qed jintbgħat lil Kunsill għal kunsiderazzjoni tiegħu.

50.10.1.1 Is- Sindku in *prima facie* jaħseb li dan il-ftehim kif inhu miktub ser jitfa mazra ma għonq is- Sindku u l-Kunsilliera ta' warajna u jidhirlu li bħala Kunsill għandna nieġdu parir mill-avukat tal-Kunsill biex niġu ggwidati fl-ahjar interess tagħna.

50.10.1.2 Il-Kunsill qabel mal-parir tas- Sindku u ser jirreferi lura wara li jkun kkonsulta ma' l-avukat.

**50.11 Ilmenti u items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill**

50.11.1 HMC- Ittra mis- Segretarju ta' l-Għaqda Historic Cycles biex tittella wirja ta' karozzi antiki fi Pjazza San Pawl nhar is- Sibt 15 ta' April 2023. Il-Kunsill ma approvax pero' bħala alternattiva ser jofrilhom it- Tomba.

50.11.2 Mdina Grand Prix 2023- Email mingħand s- Segretarju ta Mdina Grand prix fejn talab li bħala Kunsill n ikkonfermaw id- dati tas- 7 u 8 ta' Diċembru 2023. Il-Kunsill filwaqt li ma jsibx oġġezzjoni għal dawn id-dati,l-importanti li jsiru l-laqgħat meħtieġa kemm ma' l-awtoritajiet konċernati kif ukoll mal- Kunsilli tar- Rabat u Mtarfa ħalli ma jkunx hemm ripetizzjoni tas-sena l-oħra.

50.11.3 Talba mingħand Model Architects biex bħala Kunsill ngħatu clearance li x-xogħol sar ġewwa d-daħla ta' Hoeard Gardens fuq PA 65253/18. Il-Kunsill talab lis SE jinfurmaħ li x-xogħolijiet għadhom mhux lesti u la darba dan jintemm, tinħareg il-clearance.

50.11.4 Ittra datata 16 ta' Jannar 2023 mingħand Project Green għal sejħa ta' interess bit- tema Community Greening Grant. Is- Sindku qal li fejn jidħlu sejħiet għal proġetti bħala Kunsill zgħir ma għandniex iz-mien u ir-rizorsi neċessarji biex jibgħat tali applikazzjoni fi zmien ftit aktar minn xahar fejn fost l-affarijiet mitluba hemm *3D ketch/ computer generated visuals, landscape plan including irrigation plan, 10 year maintenance plan green outputs u proof of land ownership.* Bħala Kunsill irridu naraw il-possibilita li jekk iċ- cirkostanzi jippermettu nibdew naħsbu minn qabel fejn ikun hemm xi sejħa għal applikazzjonijiet ta' ċertu kobor.

50.11.5 Is- SE infurma lil Kunsill li l-kuntratt ta' accountant u accountant technician ser jiskadi fl-1 ta' Marzu 2023 u talab lil Kunsill biex tkun tista' tinħareg sejħa għal kwotazzjonijiet għal sena. Il-Kunsill approva.

**50.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

50.12.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tas- 6 ta' Frar 2023 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 14,813.56

50.12.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**50.13 Tmiem tal- Laqgħa u data tas- Seduta li jmiss**

49.8.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 17.45pm u ġiet aġġornata għas-13 ta' Marzu 2023

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ____________________ | ____________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data:____13 ta' Marzu 2023__